MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Numru 762/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
**V**

**CHARLES sive CARMELO AQUILINA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHARLES sive CARMELO AQUILINA** ta' wiehed u tletin sena bin Joseph u Luigia nee Pace, imwieled Pieta nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 1969 u li joqghod 'Jasmine', Triq il-Merhba, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` numru 361469M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar t-tanx ta' Settembru 2002 ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu fi Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa:

1. minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja f'perikolu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Marcin Marek Czyzewski;

2. talli kkaguna feriti hfief fuq il-peruni ta' Marek Mazurek u Kristov Mazurek;
3. talli ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat;
4. talli voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u bil-glied;
5. talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Rat d-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbatax ta' Novembru 2002 a fol 29 tal-atti odjerni.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tat-tnejn ta' Gunju 2003 a fol 58 tal-atti.

Semghet ix-xhieda prodotta mil-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar **t-tlettax ta' Settembru 2002 xehed Marek Masurek [**fol 14 et seq tal-atti] fejn qal li huwa kien gie milqut b'mus minn ragel li hu taxi driver, pero mistoqsi min kienet il-persuna li laqtitu huwa wiegeb li ma kienetx fil-bini tal-Qorti.  Mistoqsi jekk l-imputat tahx xi daqqa ta' ponn, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.  Ghalkemm qal li l-akkuzat ta' daqqa ta' ponn lil huh Kristov Mazurek.  Huwa spjiega kif kienu bil-wieqfa u cioe Kristov Mazurek kien fuq ix-xellug tieghu, ftit warajh, u siehbu Marcen Marec Czyzwyski kien ma gemb huh.  Spjiega li min laqtu ma jafux, izda wara li ntlaqat kulhadd beda jaghti lil xulxin.

Ili nhar **t-tlettax ta' Settembru 2002 xehed Marcen Marec Czyzwyski** [fol 17 et seq tal-atti] fejn qal li waqt li kien sejjer lejn Havana ma huh u shabu, u kienu waslu hdejn l-istabbiliment Burger King, Marcen Marec Czyzwyski dar lejh u staqsieh kif kienu ser jaslu M'Scala u waqt li kien qed jghidlu li zgur mhux bit-taxis bojod, ghax huma ghola, hargu zewg taxi drivers mit-taxi, u staqsewhom kellhomx xi problema.  Fid-daqqa w il-hin, xi

hadd tah daqqa ta' ponn u ragel ohxon tah daqqa ta' ponn ohra u waqqghu mal-art. Waqt li kien mal-art, hu rceiva diversi daqqiet bis-sieq. Mistoqsi jgharafx lil imputat, huwa jghid li mhux cert minnu pero fl-istess nifs jghid li Kristov Mazurek qallu li kien tah daqqa ta' ponn. Fil-glieda kienu tlett irgiel ta' nazzjonalita pollakka u hmistax il-ragel iehor.

Illi nhar **t-tlettax ta' Settembru 2002 xehed Kristov Masurek [**fol 19 et seq tal-atti] fejn qal ikkonferma dak li qal siehbu Marcen Marec Czyzwyski ta' kif bdiet il-glieda. Qal li kien hemm xi hadd li kien ta daqqa ta' ponn li huh Kristov Marek pero ma kienx f'posizzjoni li jgharfu ghaliex fil-bini tal-Qorti ma kienx. Pero gharaf lil imputat bhala l-persuna li ta daqqa ta' ponn lilu u lil siehbu Marcen Marec Czyzwyski. Qal wkoll li siehbu qala xi daqqiet ta' ponn ohra f'wiccu kif wkoll daqqiet ta' sieq meta kien mal-art minn nies ohra. Qal li l-imputat lilu tah zewg jew tlett daqqiet ta' ponn waqt li lil Marcen Marec Czyzwyski tah zewg daqqiet ta' ponn f'wiccu, wahda fuq quddiem u l-ohra fuq wara. Mistoqsi jekk il-glieda kienetx bdiet minhabba l-imputat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u qal li l-glieda bdiet ma xi taxi driver iehor meta tahom daqqa ta' ponn u huma rreagixxew. Fil-fatt jghid li l-imputat wasal fuq il-post meta huma kienu diga qed jiggieldu ma taxi driver iehor. Huwa qal li kien cert li kien l-imputat li tah daqqa ta' ponn f'wiccu u kien hu li identifika lil impuat lil Pulizija bhala wiehed mill-aggressuri fl-incident.

Il-Qorti nnominat lil Doctor Dino Vella Briffa b'digriet taghha tat-tlettax ta' Settembru 2004 sabiex jezamina l-persuna ta' Marcen Marec Czyzwyski, Kristov Mazurek u lil Marek Mazurek. Illi dakinhar stess tat-tlettax ta' Settembru 2002, l-istess Doctor Dino Vella Briffa ghadda biex jezamina lil dawn t-tlett minn nies fis-sgirieta tal-Qorti [fol 11 et seq tal-atti] w ikkonferma li Kristov Mazurek kellu girfa twila xi hames centimetri fuq haddejh il-leminija li hija ta' natura hafifa, Marcen Marec Czyzwyski kellu hafna tbengil fuq diversi partijiet ta' wiccu li huma kollha ta' natura hafifa u ferita li kellha bzonn sebgha punti f'widnejh, fuq in-naha tax-xellug pero tali ferita wkoll kienet ta' natura hafifa. Dwar Marek Mazurek, dan kellu tbengila

fuq hugbejh x-xellugija u ferita twila hames centimetri fuq idu x-xellugija pero tali feriti wkoll huma ta' natura hafifa. Mistoqsi ma x'hiex huma kompatibbli tali feriti, dan t-tabib qal li dwar dik ta' Kristov Mazurek ma jistax jghid jekk gietx kagjonata permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta ghaliex setghet giet kagjonata b'semplici difer. Dwar dawk ta' Marek Mazurek, il-feriti li ssubixxa kienu kompatibbli ma dak li hu qal lilu fis-sens li kienu kompatibbli ma daqqa ta' sieq ta' zarbuna waqt li dik f'idu, skond hu, giet kagjonata b'sikkina u fil-fatt hija kompatibbli ma dan. Dwar id-daqqa ta' Marcen Marec Czyzwyski, din hija komptibbli ma daqqa ta' sieq ghaliex hemm estensjoni quddiem u wara l-widna u li hemm tbengila u ghalhekk fil-fehma ta' dan it-tabib, din giet kagjonata b'daqqa ta' sieq. Rigward l-feriti l-ohra pero li ssubixxa, dawn gew kagjonati permezz ta' *blunt injury*.

Illi nhar **d-disgha ta' Dicembru 2002 xehed l-Ispettur Martin Sammut [**fol 31 et seq tal-atti] fejn qal li fit-tnax ta' Settembru 2002 kienu gew tlett pollakki zaghzagh l-Ghassa w irrappurtawlu li aktar kmieni dak l-lejl, waqt li kienu Paceville, fl-ekwati ta' Burger King fi Triq San Gorg, gew assaltati minn xi taxi drivers u fil-fatt garrbu xi feriti. Huwa fil-fatt baghat lil Marek Mazurek u lil Marcen Marec Czyzwyski l-isptar biex jigu trattati u baghat lil Kristov Mazurek fil-kumpanija ta' PS 78 Joseph Cremona u PS 69 Jesmond Cremona fl-ekwati biex jara jekk jgharafx l-persuni li aggrewhom. Minnufih, Kristov Mazurek indika lil imputat bhala wiehed mid-drivers involut fil-glieda. Meta huwa baghat ghal imputat, dan cahad li kien involut fi glieda u stqarr li ma kienx jaf minn kien involut fiha. Il-Pollakki stqarrew mieghu li wiehed mill-aggressuri kellu mus u li fil-fatt l-ferita li garrab f'idu wiehed minnhom saret b'mus pero minn tfittxija li saret fuq l-imputat. irrizultat kien wiehed negattiv.

Illi minn investigazzjoni preliminari mizmuma minnu, rrizulta li l-incident sehh meta fid-daqqa w l-hin, xi taxi drivers maltin hebbew ghal dawn il-pollakki w ikkagunawlhom xi feriti. Waqt li l-imputat kien l-Ghassa, Marcen Marec Czyzwyski ma indikax lil imptuat bhala l-persuna li tah bil-mus.

L-Ispetttur Martin Sammut ippresenta certifikati medici rilaxxjati minn Doctor Patrick Farrugia [dokument MS 1] fil-konfront ta' Marcen Marec Czyzwyski fejn iddeskriva l-feriti bhala gravi per durata [dok MS 2] u fil-konfront ta' Marek Mazurek fejn iddeskriva l-feriti bhala hfief salv kumplikazzjonijiet. Dan ix-xhud ippresnta wkoll stqarrija tal-imputat [dok MS 3] fejn cahad b'mod kategoriku li huwa ra xi glieda jew adirittura li ha sehem f'xi glied jew li fergha xi nies u l-okkorenza [dok MS 5].

Illi nhar **d-disgha ta' Dicembru 2002 xehed PS 78 Joseph Cremona [**fol 45 et seq tal-atti] fejn ikkonferma dak li qal l-Ispettur pero zied jghid li Kristov Mazurek indikalhom lil imputat bhala l-persuna li aggrediethom izda ma hux il-persuna li originarjament bdiet l-glieda, ghalkemm ammetta li kien tah daqqa ta' ponn.

Illi nhar **d-disgha ta' Dicembru 2002 xehed PS 69 Jesmond Cremona [**fol 52 et seq tal-atti] fejn qal li hu kien flimkien ma PS 78 Joseph Cremona f'Paceville u Kristov Masurek fil-presenza tieghu dan indika lil imputat waqt li kien Paceville bhala l-persuna li kienet involuta fil-glieda.

Illi nhar **t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2004 xehed l-imputat b'mod voluntarju [**fol 66 et seq tal-atti] fejn qal li xogholu huwa li jdur bit-taxi numru 076 u li dakinhar tal-allegat incident kull ma semgha kien xi persuna jindizza lil xi taxi driver bil-kelma 'pufta' pero fl-ebda hin ma ra glieda. Mistoqsi jekk rax lil pollakki li xehdu l-Qorti, l-imputat wiegeb fl-affermattiv u stqarr li kien rahom sejrin lejn l-istabbiliment Footloose. Jiftakar wkoll li mar fuqu Surgent u qallu li wara li jlesti bil-vjagg li kellu, kellu jmur l-Ghassa u hekk ghamel. Meta kien l-Ghassa, gie mistoqsi ghal darb'ohra jekk kienx fi glieda u huwa wiegeb fin-negattiv. Huwa fil-fatt ta n-numri tat-taxis li kienu Paceville dak l-lejl. Huwa cahad li ta xi daqqa ta' ponn lil xi hadd.

Illi nhar **t-tlieta ta' Mejju 2004 xehed Mario Difesa in difesa** [fol 71 et seq tal-atti fejn] qal li dakinhar tal-incident ghall-habta tas-saghtejn u kwart jew t-tlieta ta' filghodu hu

ra lil imputat jghabbi xi nies ghaliex kien qablu fil-venda u kien imissu hu. Jghid li ftit wara li telaq l-imputat, huwa ra glieda bejn grupp ta' barranin u grupp ta' maltin. Qal li sahansitra kien hemm xi nies li spiccaw mal-art. Spjiega li l-glieda damet sejra tlett kwarti ta' siegha. Mistoqsi jekk regax ra lil imputat fuq il-post wara li kien telaq, ix-xhud qal li ma kienx cert. Pero huwa kien cert mill-fatt li waqt li kien hemm il-glieda, lil imputat ma rahx fuq il-post.

Ikkunsidrat:

Illi **l-ewwel akkuza** tikkoncerna feriti gravi fuq il-persuna ta' Marcen Marec Czyzwyski. Issa mill-provi prodotti jirrizulta li skond Doctor Patrick Farrugia, il-feriti li kellu Marcen Marec Czyzwyski kienu ta' natrua gravi per durata pero fil-fehma tal-espert nominat mill-Qorti, dawn il-feriti kif deskritti minnu, kienu ta' natura hafifa. In oltre, skond dan l-espert, dawn il-feriti li kellu Marcen Marec Czyzwyski u cioe t-ticrita li kellu f'widnejh u li kellhom bzonn sebgha punti, ma kienux jikkostitwixxu sfregju u ma kien hemm ebda loss of skin tal-widna. Mistoqsi ma x'hiex hija kompatibbli tali ferita, l-espert wiegeb li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-vittma u cioe li qala diversi daqqiet ta' sieq, setghu kkagunaw tali ferita u dan ghaliex fil-fehma tieghu, hemm estenzjoni quddiem u wara l-widna flimkien ma tbengil. Illi ghalhekk huwa jaqbel ma dan il-vittma u cioe li tali ferita saret permezz ta' daqqiet ta'sieq li skond Marcen Marec Czyzwyski qalagha meta kien mal-art.

Issa mix-xhieda ta' Marcen Marec Czyzwyski, ma jirrizultax li l-imputat tah xi daqqiet. Fil-fatt, meta gie mistoqsi jekk jgharafx lil imputat, huwa wiegeb u qal li "*Asked if I recognise the accused I say that I am not sure about him. I do not remember him completely.*"
Fil-fatt Kristov Masurek ma jghidx li l-imputat laqat lil Marcen Marec Czyzwyski izda li ta' daqqa ta' ponn lilu u lil Marek Mazurek. Ghalhekk zgur li din **l-ewwel akkuza ma giex ppruvata**.

Illi **fit-tieni lok**, l-imputat gie akkuzat wkoll talli kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Marek Mazurek u Kristov Mazurek.

Marek Mazurek meta xehed il-Qorti, cahad li l-imputat tah xi daqqiet ta' ponn u qal li min laqtu kienu persuni differenti mill-imputat, pero qal li ra lil imputat jaghti bil-ponn lil huh fuq rasu u cioe lil Kristov Mazurek.

Kristov Mazurek jghid li l-imputat tah bil-ponn f'wiccu f'zewg jew tlett okkazzjonijiet. Jghid wkoll li ra lil imputat jolqot lil huh ghalkemm huh jichad dan.

Illi ma hemmx dubbju lli skond dak li xehed Doctor Dino Vella Briffa, Marcen Marec Czyzwyski kellu tbengil fuq hugbejh ix-xellugija u ferita f'idu x-xellugija, filwaqt li Kristov Mazurek kellu girfa twila xi hames centimetri fuq haddejh l-leminija li kienet twila xi hames centimetri. Mistoqsi ma x'hiex hija kompatibbli tali ferita, x-xhud wiegeb li setghet giet kagjonata anke permezz ta' difer u ghalhekk in vista ta' dan setghet giet kagjonata bid-daqqa ta' ponn li kien qala minghand l-imputat.

Illi ghalkemm l-imputat cahad li ppartecipa f'xi glieda jew adirittura li ta daqqa ta' ponn, il-Qorti temmen lil Kristov Mazurek u lil Marek Mazurek u cioe li kien l-imputat li ta' daqqa ta' ponn lil Kristov Mazurek w ikkagunalu ferita hafifa u ghalhekk issib lil imputat hati ta' din l-akkuza fil-konfront ta' Kristov Mazurek biss u **mhux hati** talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marek Mazurek.

**Fit-tielet lok**, l-imputat gie akkuzat li ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat.

Illi fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Marzu 1993*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Borg et**, dan r-reat, kif komunement maghruf, huwa dak ta' attruppament jew assemblea llegali fejn l-elementi rikjesti ghal esiztenza tar-reat, huma skond il-**Profesur Mamo**:

*" 1. The taking of an active part in an assembly;*
*2. formed of ten or more persons;*
*3. with the objective of causing an offence."*

Illi ghalhekk mill-analizi tax-xhieda mismugha, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-persuni nvoluti w indikati kienu;

1. attivament qed jippartecipaw f'gemgha ta' nies;
2. li f'din il-gemgha fin-numru kienet tikkonsisti f'aktar minn ghaxara minn nies;
3. li l-iskop uniku ta' din il-gemgha kien dak li jippartecipaw f'reat wiehed jew aktar.

Gie ritenut li "*…….di fatti non si richiedono ne converzioni prestabilite ne consensi espressi, ne ordine di gararrchie o di disiplina fro gli attrupati*" biex jissusisti dan r-reat, u huwa biss sufficjenti li "*… una riunione anche fortuita di dieci persone almeno collo scopo di commettere un reato delitto o contravezione che sia.*" [vide **Il-Pulizija v Carmelo Farrugia et** moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju 1976***].

Issa, mill-provi prodotti ma jirrizultax assolutament li l-imputat ingabar fuq il-post bil-hsieb li jahgmel xi reat. Ghaliex fil-fatt, skond ix-xhieda, il-glieda sehhet f'lehha ta' berqa u ghalhekk il-pre rekwizit li l-imputat kien wiehed minn ghaxra minn nies li ngabru biex jikkommettu reat, huwa nieqes. Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li **ma ssibx lil imputat hati ta' din t-tielet akkuza**.

**Dwar r-raba kontavenzjoni**, u cioe li l-imputat kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied, dan zgur ma jirrizulta ghaliex fis-saghtejn u nofs tas-sajf, f'Paceville proprju fil-parti l-aktar popolari, zgur li ma hemmx kwiet u hemda u ghalhekk **zgur li ma kkawza ebda disturb lil pubbliku**.

**L-istess jinghad ghal hames akkuza** u dan ghaliex ma jistax jinghad li l-imputat b'dak li ghamel, kiser il-mistrieh tan-nies.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 69, 214, 216, 218, 221, 338(dd) u 338(mm) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dwar il-piena ghall-akkuza li sabet lil imputat hati u cioe li kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Kristov Mazurek, il Qorti rat l-fedina penali tieghu esebita fl-atti a fol 4 minn fejn jirrizulta li fuqha hemm registrata ghoxrin reat ta' konvizzjoni bejn il-perjodu ta' Mejju 1989 u Jannar 1999 meta nstab hati ta' reati fost ohrajn diversi ta' serqiet, hebb w ingurja fil-konfront ta' terzi, hsara volontarja, resistenza u attakk fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, ingurja u theddid lill-Ufficjali tal-Pulizija u terzi persuni u misapproprjazzjoni, meta gie moghti probation orders, sentenzi sospizi u multi u tiddecidi li tikkundanna lil imputat CARMELO sive CHARLES AQUILINA ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------